**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* id-disinn "Umbrelel" — disinn Komunitarju rreġistrat bin-Nru 000579032-032

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Impliva BV

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 7(1) u 6, u tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2013 — Cactus vs UASI — Del Rio Rodríguez (CACTUS OF PEACE CACTUS DE LA PAZ)**

**(Kawża T-24/13)**

(2013/C 101/43)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Cactus SA (Bertrange, il-Lussemburgu) (rappreżentant: K. Manhaeve, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Isabel Del Rio Rodríguez (Malaga, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 2012;

— tordna li l-konvenut u — jekk applikabbli — Isabel Del Rio Rodriguez jbatu l-ispejjeż flimien u *in solidum*.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "CACTUS OF PEACE CACTUS DE LA PAZ", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 31, 39 u 44 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 489 643

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 963 694 tat-trade mark verbali "CACTUS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 2, 3, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 16, 18, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 39, 41 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment u applikazzjoni miċħuda parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni appellata annullata u oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 76(1) u (2), u 75 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2013 — Pedro Group vs UASI — Cortefiel (PEDRO)**

**(Kawża T-38/13)**

(2013/C 101/44)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pedro Group Pte Ltd (Singapor, Singapor) (rappreżentant: B. Brandreth, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Cortefiel, SA (Madrid, Spanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Novembru 2012 (Każ R 0271/2011-4): Annullament ta' dik il-parti tad-deċiżjoni li annullat parti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni tas-17 ta' Diċembru 2010 u li ċaħdet l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tar-rikorrenti għal ċerti prodotti fil-klassi 25;

— tordna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti għall-ispejjeż inkorsi quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI u l-Qorti Ġenerali.